



Brussell, it-3 ta' Lulju 2020

REV2 –
tissostitwixxi l-avviż (REV1) datat
il-11 ta' Lulju 2019

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

II-ĦRUĠ TAR-RENJU Unitu R-REGOLI TAL-UE DWAR IL-LIĠI TAL-KUMPAJNI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁴ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jkun pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri tal-UE.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, b'mod partikolari daww il-kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit iżda għandhom l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fl-UE għandhom ifittxu parir legali.

Kun af li:

Dan l-avviż ma jindirizzax

- Il-liġi tal-UE dwar l-antitrust u l-liġijiet tal-UE dwar il-fużjonijiet (innotta li l-ħruġ tar-Renju Unit ma għandux impatt fuq l-applikabilità tar-regoli tal-UE dwar l-antitrust u r-regoli tal-UE dwar il-kontroll tal-fużjonijiet jekk il-kriterji tal-ġurizdiżżjoni jkunu ssodisfati);
- Il-liġi internazzjonali Ewropea tal-insolvenza;
- Il-liġi tax-xogħol tal-UE, inklużi r-regoli dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn⁵.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-kumpaniji tal-UE mhux se tibqa' tapplika għar-Renju Unit. Dan iwassal b'mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. KUMPAJNI INKORPORATI FIR-RENU UNIT

Il-libertà ta' stabbiliment, stabbilita fl-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU), tiżgura fost l-oħrajn ir-rikonossiment, madwar l-Unjoni, ta' kumpanija inkorporata fi Stat Membru wieħed.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit se jkunu kumpaniji ta' pajjiż terzi u għalhekk ma jkunux awtomatikament rikonossuti skont l-Artikolu 54 TFEU mill-Istati Membri (skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja). L-Istati Membri mhumiex se jkunu obbligati jirrikonossu l-personalità ġuridika (u r-responsabbiltà limitata) tal-kumpaniji li jkunu inkorporati fir-Renju Unit iżda li jkollhom l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Istati Membri tal-EU-27. Il-kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit jistgħu jiġu rikonossuti skont il-liġi nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri (ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat dwar il-kumpaniji u d-dritt tal-kumpaniji sostantiv li jkun applikabbli sussegwentement), jew it-trattati internazzjonali. Minħabba f'hekk, skont liema regoli ta' dritt nazzjonali jew internazzjonali jkunu applikabbli, tali kumpaniji jista' ma jkollhomx pożizzjoni ġuridika fl-UE u l-azzjonisti jistgħu jkunu personalment responsabbli mid-djun tal-kumpanija.

Fejn ferġat ta' kumpanija inkorporata fir-Renju Unit ikunu jinsabu fl-Istati Membri tal-EU-27, dawn ikunu ferġat ta' kumpaniji ta' pajjiż terz u għaldaqstant japplikaw ir-regoli rilevanti għall-ferġat ta' kumpaniji ta' pajjiż terz.

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

2. IL-LIĠI TAL-KUMPAĠNI TAL-UE

Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji⁶, ttiprovdi għal regoli dwar, fost l-oħrajn, l-**inkorporazzjoni**⁷, **il-mantiniment u l-bdil tal-kapital**⁸. Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tapplika għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata inkorporati skont il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn ir-regoli mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit. Konsegwentement, il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-impjegati, il-kredituri u l-investituri li jitrattaw mal-kumpaniji tar-Renju Unit ma jistgħux jiddependu fuq dawn ir-regoli tal-UE. Dan ifisser li, pereżempju, ir-regoli tal-UE dwar id-divulgazzjoni obbligatorja ta' ċerta informazzjoni dwar il-kumpaniji fir-reġistri kummerċjali (bħal dokumenti u dettalji relatati ma' strumenti ta' kostituzzjoni, ħaġra, tmiem ta' kariga u dettalji ta' persuni li jirrappreżentaw kumpanija, l-istralċ ta' kumpanija jew bidla fl-uffiċċju reġistrat) mhux se jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' kumpaniji tar-Renju Unit.

3. FUŻJONIJIET TRANSFRUNTIERI

Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tippredvi wkoll regoli proċedurali għal fużjonijiet transfruntieri ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Dawn ir-regoli japplikaw għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata rregolati mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri u elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva⁹.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn ir-regoli mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit¹⁰. Fejn fużjoni transfruntiera li tinvolvi kumpanija inkorporata fir-Renju Unit tkun pendenti wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli (nazzjonali) għall-fużjonijiet ma' kumpaniji stabbiliti f'pajjiżi terzi japplikaw għall-fużjoni mit-tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

4. ID-DRITTIJIET U L-INVOLVIMENT TAL-AZZJONISTI

Id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji elenkati¹¹ ttiprovdi għal regoli fir-rigward tal-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti, obbligi tat-trasparenza, u r-responsabbiltajiet tas-sjieda tal-ishma (jiġifieri l-monitoraġġ tal-kumpanija li fiha jsir investiment, il-votazzjoni, eċċ.). Id-Direttiva 2007/36/KE tapplika għal kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fi Stat Membru u li l-ishma tagħhom huma ammessi għan-negożju f'suq regolat li jinsab fi Stat Membru jew li jopera fi Stat Membru.¹² Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE dwar id-drittijiet u l-impenn tal-azzjonisti ma jibqgħux japplikaw għall-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fir-Renju Unit jew li huma elenkati biss f'borża fir-Renju Unit.

⁶ ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46.

⁷ Il-Kapitolu II tat-Titolu I tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

⁸ Il-Kapitolu IV tat-Titolu I tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

⁹ L-Artikolu 87(1) tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

¹⁰ Ir-referenza, fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2017/1132, għal forom ta' kumpaniji fir-Renju Unit issir obsoleta.

¹¹ ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17.

¹² L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2007/36/KE.

Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2005/162/KE¹³ u 2004/913/KE¹⁴ jindirizzaw l-indipendenza tal-membri tal-bord u r-remunerazzjoni tad-diretturi. Huma jipprovdu għal rakkomandazzjonijiet dwar l-indipendenza tal-membri tal-bord mill-kumpanija u l-azzjonist kontrollanti, il-ħolqien ta' kumitati tal-bord dwar in-nomina, ir-rimunerazzjoni u l-awditjar u dwar ir-remunerazzjoni tad-diretturi f'kumpaniji elenkati. Ir-rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-kumpaniji elenkati fis-swieq regolati tal-UE.¹⁵ Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jibqgħux japplikaw għall-kumpaniji tar-Renju Unit jew għal kumpaniji li huma elenkati f'borża fir-Renju Unit (biss).

5. Offerti ta' xiri

Id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri¹⁶ tistabbilixxi regoli għall-offerti ta' xiri fejn it-titoli kollha jew uħud minnhom ikunu nnegożjati f'suq regolat fi Stat Membru wieħed jew aktar.¹⁷ Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, meta t-titoli jiġu nnegożjati fir-Renju Unit, din id-Direttiva ma tibqax tapplika. Meta offerta ta' xiri tkun pendenti wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli nazzjonali għall-offerti ta' xiri se jibdedw japplikaw minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

6. Is-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri kummerċjali (BRIS)

Ir-reġistri kummerċjali tal-Istati Membri huma interkonnessi permezz ta' pjattaforma ċentrali Ewropea¹⁸ permezz tas-sistema ta' interkonnessioni tar-reġistri kummerċjali (*business registers interconnection system*, BRIS). Ċerta informazzjoni ewlenija dwar kumpaniji b'responsabbiltà limitata tal-UE kif maħżuna fir-reġistri kummerċjali tal-Istati Membri hija aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.¹⁹ Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-informazzjoni fir-reġistru tal-kumpaniji tar-Renju Unit ma tibqax tiġi skambjata permezz tal-BRIS u lanqas ma hija aċċessibbli permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

7. Forom ta' kumpaniji Ewropej

- **Il-Kumpanija Ewropea (SE)**²⁰ għandu jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-UE, fl-istess Stat Membru fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha²¹. Wara tmiem il-

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/162/KE tal-15 ta' Frar 2005 dwar ir-rwol ta' diretturi mhux eżekuttivi jew superviżorji ta' kumpaniji kkwotati fil-borża u dwar il-kumitati tal-bord (superviżorju), ĠU L 52, 25.2.2005, p. 51.

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/913/KE tal-14 ta' Diċembru 2004 li trawwem reġim xieraq għar-remunerazzjoni ta' diretturi ta' kumpaniji elenkati, ĠU L 385, 29.12.2004, p.55

¹⁵ It-Taqsimiet 1.1. u 2.1. tar-Rakkomandazzjoni 2005/162/KE, it-taqsimiet 1.1. u 2.2. tar-Rakkomandazzjoni 2004/913/KE.

¹⁶ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12.

¹⁷ L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2004/25/KE.

¹⁸ L-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2017/1132.

¹⁹ https://e-justice.europa.eu/content_business_registers_at_european_level-105-mt.do.

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal kumpanija Ewropea (SE), ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.

²¹ L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001.

perjodu ta' tranżizzjoni, l-SEs li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fir-Renju Unit ma jibqgħux igawdu l-istatus ta' SE. Ir-rikonoxximent ta' tali kumpaniji minn Stat Membru tal-EU-27 ikun possibbli biss fuq l-istess bażi bħal kumpaniji oħrajn inkorporati fir-Renju Unit (ara hawn fuq, it-Taqsima 1 ta' dan l-avviż).

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001, SEs jistgħu jinħolqu minn kumpaniji jew korpi legali oħra ffurmati fi Stat Membru tal-UE, bl-uffiċċji rreġistrati u l-uffiċċji prinċipali tagħhom fl-UE. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit mhux se jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-formazzjoni ta' SE. L-SEs li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fl-EU-27 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jżommu l-istatus legali tagħhom, anki jekk kienu ġew iffurmati, qabel id-data tal-ħruġ, minn kumpanija tar-Renju Unit. L-istess japplika fir-rigward ta' SEs sussidjarji²².

- **Il-Grupp Ewropew ta' Interess Ekonomiku (GEIE)**²³ għandu jiġi rreġistrat fi Stat Membru tal-UE²⁴. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-GEIEs irreġistrati fir-Renju Unit ma jibqgħux igawdu l-istatus ta' GEIE.

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2137/85, il-GEIEs jistgħu jikkonsistu biss minn kumpaniji jew korpi ġuridiċi oħra ffurmati fi Stat Membru tal-UE, bl-uffiċċju rreġistrat jew statutorju u l-amministrazzjoni ċentrali tagħhom fl-UE, jew minn persuni naturali li jwettqu servizzi fl-UE. Fejn kumpaniji inkorporati fir-Renju Unit jew korpi legali oħra tar-Renju Unit huma membri ta' GEIE, u fejn persuni fiżiċi jwettqu servizzi biss fir-Renju Unit, dawn ma jibqgħux jappartjenu għal GEIE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

- **Is-Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SKE)**²⁵ trid titwaqqaf fit-territorju tal-UE²⁶ u l-uffiċċju rreġistrat irid ikun fl-istess Stat Membru tal-UE bħall-uffiċċju prinċipali²⁷. WWara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, is-SKE irreġistrati fir-Renju Unit ma jibqgħux igawdu l-istatus ta' SKE.

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003 jistabbilixxi r-rekwiżit tar-residenza fl-UE għal persuni fiżiċi, u tal-istabbiliment fl-UE għal persuni ġuridiċi li jiffurmaw SKE. Il-konformità tas-SKE ma' dawn ir-rekwiżiti trid tkompli wara l-ħruġ tar-Renju Unit. Meta r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003 ma jibqgħux jiġu ssodisfati wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, is-SKE ma tibqax tgawdi l-istatus ta' SKE.

Il-websites tal-Kummissjoni fuq iil-liġi tal-kumpaniji http://ec.europa.eu/justice/civil/company-law/index_en.htm u dwar is-Soċjetà Kooperattiva Ewropea (https://ec.europa.eu/growth/sectors/social-economy/cooperatives/european-cooperative-society_mt) jipprovdu informazzjoni

²² L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001.

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (GEIE), ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1.

²⁴ L-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2137/85.

²⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

²⁶ L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003.

²⁷ L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1435/2003.

ġenerali. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs